# ĊIRKULARI

**Data:** **4 t' Ottubru 2022** **Ref: DDLTS 23/2022**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett:** **EU Code Week Malta Educators' Programme 2022 (MT)**

---

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali b'kollaborazzjoni mal-EU Code Week Team, il-Fakultà tal-Edukazzjoni u eSkills Malta Foundation se jorganizza l-EU Code Week Malta Educators' Programme 2022. L-għan ta' dan il-programm huwa li joffri lill-edukaturi, kemm dawk fis-servizz u lil dawk prospettivi, għarfien dwar metodi differenti kif jistgħu jimplimentaw il-coding u l-computational thinking fil-proċess tat-tagħlim. L-edukaturi li jixtiequ jiksbu għarfien kif ir-realtà virtwali tkabbar il-kompetenza diġitali u kif il-Micro:bits jistgħu jintużaw fil-proċess tat-tagħlim huma mħeġġa japplikaw. Matul dan il-programm, l-edukaturi se jitħarrġu biex ikunu jistgħu jorganizzaw attivitajiet matul il-kampanja tal-EU Code Week li ssir f'Ottubru u matul is-sena kollha.

| | |
|---|---|
| Dati: | 29 t'Ottubru 2022, 12 ta' Novembru 2022, 19 ta' Novembru 2022. |
| Tul tal-kors/prgoramm: | 9 siegħat mifruxa fuq tlett ijiem |
| Ħinijiet: | 09:00 – 12:00 |
| Post/Onlajn | Digital Literacy Centre<br>Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali<br>Triq Joseph Abela Scolaro,<br>Hamrun<br><br>Iklikkja hawn biex tikkonferma fejn se jsir it-taħriġ. |
| Udjenza: | L-edukaturi tas-suġġetti kollha fl-iskejjel Primarji u Sekondarji li ġejjin minn skejjel Statali, mhux Statali, minn skejjel tal-Knisja u Indipendenti u dawk prospettivi li huma interessati jimplimentaw computational thinking u coding f'suġġetti varji huma mħeġġa japplikaw. |
| Numru ta' parteċipanti: | L-ewwel 30 edukatur li japplikaw se jiġu aċċettati. |
| Biex tapplika għandek bżonn: | Ħiliet bażiċi fl-IT. |
| Biex tirreġistra: | lklikkja hawn biex tapplika għal dan it-taħriġ (https://bit.ly/EUCodeWeekMalta2022) |
| Tista' tapplika sa: | 25 t'Ottubru 2022. |

Qabel jibda l-programm il-parteċipanti se jirċievu aktar informazzjoni. F'kas ta' mistoqsijiet ikkuntattjaw lid-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali fuq digital-literacy@ilearn.edu.mt.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**